KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

7 ta' Ottubru 2017

L-Onor. Alex Muscat
Chairman tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp
Parlament ta' Malta,
Il-Belt Valletta VLT 1111

Onor. Muscat,

Kif żgur taf, ftit tal-ġimgħat ilu l-Ministru José Herrera ħabbar li l-Gvern kien iddeċieda li fis-snin li ġejjin jibni impjant ġdid li fih ikun ipproċessat l-iskart u li minnu se tkun iġġenerata l-enerġija.

Naħseb taqbel miegħi li hija r-responsabbilità tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp li jagħmel skrutinju tad-deċiżjonijet meħuda mill-Gvern fil-qasam tal-ambjent b'mod partikolari meta dawn ikollhom effett fit-tul bħal ma hu l-każ tal-immaniġġjar tal-iskart f'pajjiżna.

L-Oppożizzjoni trid li taqdi r-rwol tagħha li tagħmel skrutinju ta' dak kollu li jagħmel il-Gvern u li żżomm l-istess Gvern kontabbli għall-azzjonijiet tiegħu. Dan l-Oppożizzjoni trid tagħmlu billi tagħti l-kontribut tagħha b'mod pubbliku bil-għan li jkun żgurat li d-deċiżjonijiet li jittieħdu mill-Gvern f'dan is-settur jkunu fl-aħjar interess ta' pajjiżna u tal-ġenerazzjonijiet futuri.

Għalhekk f'isem l-Oppożizzjoni qiegħed nitlob li l-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp jiddiskuti u jikkunsidra din id-deċiżjoni tal-Gvern. B'mod partikolari l-Oppożizzjoni qiegħda titlob li l-Kumitat:

1. Jisma' lill-Ministru José Herrera u lill-Kap Eżekuttiv tal-kumpanija WasteServ Malta Limited dwar id-deċiżjonijiet li ħa jew beħsiebu jieħu l-Gvern f'dan il-qasam;
2. Jiġu ppreżentati lill-Kumitat ir-rapporti kollha li ġew ikkummissjonati mill-Gvern dwar dan is-settur sallum, fosthom dawk li saru minn esperti barranin u Maltin bl-użu ta' fondi mill-Unjoni Ewropej; u
3. Jisma' lil esperti f'dan il-qasam kif ukoll lir-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet volontarji fis-settur ambjentali.

Ġentilment nitolbok tqis din it-talba bħala waħda urġenti.

Inselli għalik,

Onor. Karol Aquilina

Kopja: Membri tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp